FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 8 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 14**

**Avviz Nru: 252/01 JB**

**GasanMamo Insurance Agency Limted u din ghan-nom u in rapresentaza tas- socjeta' estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Marguerite Taylor kif ukoll l-istess Marguerite Taylor**

**vs**

**Maryanne Muscat**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm207.00c (mitejn u seba' liri Maltin) ghall-danni kagunati f' incident awtomobilistiku tat- 22 ta' Lulju 1998 gewwa l-Msida bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAJ 757 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura numru KBA 554 misjuqa minn Marguerite Taylor, l-assikurata tas-socjeta' attrici,

liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 22 ta' April 1999 u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata konteswalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma nfondati.

Sema x-xhieda u t-trattazzjoni

Jirrizulta li l-kollizzjoni grat meta l-vettura numru KBA 554 misjuqa mill-assigurata tal-attur nomine qalbet il-karreggjata ta' barrra ghal dik ta' gewwa, u l-vettura JAJ 757 misjuqa mill-konvenuta riedet taqleb similarment.

Dana jirrizulta mill-okkorrenza esebita u mix-xhieda taz-zewg sewwieqa stess. Inoltre dan huwa anke konfermat mill-entita' minima tad-danni kagunati, u kif kienu d-danni riportati. Id-danni konsegwiti mill-attur nomine ma gewx kontradetti.

Ikkunsidra dwar responsabbilita':

Ex admissis minn Marguerite Taylor, assigurata mal-attur nomine, hija kienet wara il-konvenuta, rat post vojt u riedet tissorpassa. Pero' biex tigi adoperata manuvra ta' sorpass, din trid issir kif hemm ipprovdut fl- Art. 181-186 ta' l-

ahhar edizzjoni tal- Highway Code. Issir riferenza biss ghall-fatt li trid tinghata pre-avviz lil vetturi ta' quddiem u minn fuq il-lemin. Minn dan kollu ma sar xejn.

Da parti taghha, il-versjoni moghtija mill-konvenuta a tempo vergine u dik seduta stante ma tantx jikkoroboraw lil xulxin. L-ewwel wahda hija aktar inkriminanti ghax fix-xhieda taghha qalet biss li semghet hoss. L-Art. 192-199 tal-istess Highway Code jistipula kif issir kambjament ta' direzzjoni. Ma tistax taltera karreggjata billi allegatament taghti indikazzjoni bl-indikator minghajr ma taghti kaz x' hemm warajk u x' qed jigri, u tkun tista' tipprevedi x' jista jigri, minghajr ma tikkonstitwixxi ruhek ta' perikolu ghal terzi.

Illi huwa ovvju li z-zewg sewwieqa ghazlu li jmorru kontra r-regolamenti tas-sewqan f' dan il-hin propizju w identiku. Huma habtu f' dak il-mument li kienu in flagrante jiksru l-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jsib is-sewwieqa w l-assigurata ta' l-attur nomine, Maguerite Taylor u l-konvenuta ugwalment responsabbli ghall-kollizjoni de quo.

Jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' Lm103.50c (mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmi lill-atturi skond kif minnhom mitluba in vista li tikkomprendi danni u excess, spejjes bin-nofs u interessi kif mitluba.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**